sew fl-ibliet sew fl-irħula, b'kaxxetta żgħira tal-għuda f'idejhom. Kull tifel li jixtieqlek 'is-sena t-tajba', jitolbok strina billi jibda ferħan iċekċek il-kaxxa li jkun fiha xi ftit tlitiet u sittiet u minn għalih għandu xi dinja!"

Il-kelma strina ġejja minn żmien ir-Rumani, għax waħda mill-allat nisa tagħhom kien jisimha "Strenia". Hu maħsub li l-għoti tar-rigali u l-flus fl-ewwel tas-sena nbeda mill-istess Rumani li kienu jagħtu lil ħbiebhom frieghi maqtugħin mill-bosk ta' din l-alla pagana. Aktar wara bosta żmien l-għotjiet bdew isiru lil Janus — l-alla ta' l-ewwel xahar tas-sena li kellu rasu b'żewġ uċuħ.

F'Malta, fi żmien il-kavalieri, sew il-Gran Mastri kif ukoll l-Isqfijiet lill-qaddejja tagħhom kienu jagħtuhom ukoll xi ħaġa ta' l-istrina.

L-istrina fi żminijietna qiegħda tmut ħelu ħelu, għax it-tfal ma għadhomx jistennew l-ewwel tas-sena biex idabbru xi ħaġa tal-flus; tista' tgħid li għalihom, l-istrina hija s-sena kollha. Jerġa', illum, l-istrina ma tfissirx għajr dawk ir-rigali li wieħed jaqla' u jagħti nhar il-Milied.

Drawwa oħra li mietet u ndifnet ma' l-aħħar gwerra kienet dik li jxerrdu l-ġir fuq l-għetiebi tad-djar, l-aktar fuq dawk tal-ħwienet, biex filwaqt li jagħtu s-sena t-tajba, jaqilgħu xi żewġ soldi.

Magri jgħidilna li f'"għeluq is-sena, kulħadd jixtieq lil għajru s-sena t-tajba; u ma jonqos qatt f'Malta u Għawdex min ibajjadlek l-għatba tal-bieb". Din kienet id-drawwa tal-Qarniża li b'ħasra Patri Manwel ma laħaqx tana dak kollu li kien jaf fuqha billi l-mewt ħatfitu wisq ħesrem fl-1907.

Mikiel Anton Vassalli jgħarrafna li nhar lejlet l-istrina kienu jingabru xi rġiel u joħorġu jduru mat-toroq idoqqu u jgħannu. Dawn kienu jieqfu quddiem il-bieb ta' xi wieħed għani u hemm, barra li jixtiqulu s-sena t-tajba, joqogħdu jgħannu u fl-għana tagħhom jibdew ifaħħruh u jsemmu l-ħwejjeġ tajba tiegħu u tal-familja, jekk dan jiftaħ idejh magħhom. Iżda jekk iħallihom b'xejn, b'rasu jdur; għax ħalli għalihom kemm igħajruh, u jaslu saħansitra biex jikxfulu d-difetti u l-borom kollha tiegħu. Fl-aħħar imbagħad, biex ma jħalluhiex nieqsa għall-melħa, minflok ġir ixerrdulu faħam biex juruh li f'dik id-dar ġej l-għali u swied il-qalb.

Fid-dizzjunarju tiegħu, De Soldanis isemmi li wieħed minn dawk tal-Qarniża, xi drabi kien jilgħabha tal-mejjet, jintefa' minn tulu fl-art u wara li jdumu għomor iżanġru u jitbahardu fuqu u jiddieħku, dak iqum biex imorru banda oħra. Ġużè Cassar Pullicino jżomm li din id-drawwa nqagħtet xi mitt sena ilu; meta wieħed li kien qed



jagħmilha ta' mejjet, miet tassew u x'ħin raw hekk, il-Maltin skerrhu dan il-logħob u nqatgħu minnu darba għal dejjem.

It-taqbil, li kien jingħad meta kienu jieqfu quddiem il-bibien biex jagħtu x-xewqat tas-sena l-ġdida u fl-istess ħin jiġbru xi ħaġa tal-flus, kien xi ħaġa hekk:—

"Ġejna tal-Qarniża wara biebek,
Agħtina minn dak li għandek;
Is-sena t-tajba, u l-għatba mbajda!
Bajjadielek is-Sultan,
Tuħ (Tieħ) xi ħaġa karità
Biex jitma' 'l dawk it-tfal . . . "

Magri, għalkemm iħalli barra l-ewwel żewġ versi, fl-aħħar iżid dan il-vers:—

"Flok tiġieġa, tieħ dundjan".

F'lokha, l-Għawdxin kienu jħobbu jgħidu:—

"U jħallas lil Baskal . . . "

Dan l-aħħar, daqs għoxrin sena ilu, drawwa oħra ħadet post il-Qarniża. Din kienet tiltaqa' xi ċorma bandisti u joħorġu jiġġerrew mat-toroq biex huma wkoll idabbru xi ħaġa tal-fidda mid-djar li wara kienu jaqsmuha bejniethom. Iżda llum din spiċċat bħad-drawwiet l-oħra.

Is-superstizzjonijiet fuq l-istrina ma jonqsux. Fl-antik kienu jaħsbu li min jiekol il-kawlata fl-ewwel tas-sena kien ikollu jqaxqax u jgerrem l-għadam tal-perżut matul it-tnax-il xahar. Kienu jgħidu wkoll li min jiekol il-kaboċċi kellu jgħaddi s-sena kollha jokrob u jgorr. It-twissija dwar din kienet tgħid hekk: "Bejlek għajnejk tiekol il-kaboċċi fl-ewwel tas-sena għax inkella tgħaddi ħajja mxuma sena sħiħa". Hemm min igħid ukoll li min ma jikolx mal-familja fl-ewwel tas-sena, ma jarax it-tmiem tagħha, u llum għad fadal nies li ma jiklux laħam fl-istrina iżda ħut, għax dan iġib ir-riżq.

Iżda l-ewwel jum tas-sena għandu jkun għażiż għalina; għax fih għandna niftakru li l-Ħanin Alla jkun tana l-għajnuna biex nibdewha; imma jekk ma narawx il-bieb tat-tnax-il xahar jingħalaq warajha, f'idejH!

*FRAK*

**IL-FANFARUN**

Jitkellem fuq mijiet u eluf ta' liri,
tistħajlu wied ta' ġid lis-Sur Kelin;
imma jekk tgħarbel ftit x'hemm ġo senduqu
mhux żgur issib sittiet b'kemm hemm f'xelin.

*Vic Apap*